MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru. 1055/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Ludvig Ebejer**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzajoni migjuba kontra **Ludvig Ebejer** ta’ 23 sena, bin Dominic u Rita *nee’* Tabone, mwieled Pieta ‘ fil-18 ta’ Marzu, 1983, residenti ‘Marisa Flats,’ Flat 1, Triq Dun Edgar Vella, Hamrun. u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 67095M;

Akkuzat talli fil-5 t’Ottubru, 2006, ghall-habta tas-2:15p.m., u/jew wara dan il-hin, gewwa Triq Guze’ Ellul, Pieta’ u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer;

1. flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta’ flus u cavetta ta’ vettura numru KBD 52, liema

serq huwa aggravat bil-valur li ma jaccediex l-elf lira Maltin, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannui tas-socjeta' Nectar Ltd. u/jew ohrajn;

2. iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat ta' hold-up li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq traci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara li nghata z-zmien sufficjenti sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u l-piena marbuta mal-akkuzi u dan peress illi l-prosekuzzjoni m'ghandhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Fuq ammissjoni ghalhekk isib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 261 (c) u (g), 267, 271, 279 (a), 280 (1) u 110 (2) tal-Kap 9;

Wara li rat l-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi dan kien inghata liberta kondizzjonata skond l-allura Art 9 tal-Kap 152 meta kellu 20 sena ghal rejat ta' sewqan traskurat kommess meta kellu biss 18-il sena u meta l-Qorti staqsietu x'kien wehel ta' dik l-akkuza l-imputat wiegeb li ma kienx jaf u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-imputat ma kienx fehem l-obbligu impost fuqu;

Wara li rat ukoll id-dikjarazzjoni illi r-rifurtiva kienet debitament moghtija lura lid-derubati;

Ghalhekk minflok li tikkundannah, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------